

Ir-rikonoxximent tas-superfiċje għal īħlas saret b'mod konformi mar-rekwiżiti neċċessarji sabiex ikun hemm id-dritt għal għaj-nuna għas-superfiċje, fid-dawl tal-fatt li, skont l-Att ta' Adeżjoni, il-kundizzjoni hija li s-superfiċje tkun inżammet f'kundizzjoni agrikola tajba (KAT) fit-30 ta' Ġunju 2003, filwaqt li ż-żamma tas-superfiċje f'kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba (KAAT) fid-data tal-kontroll mhijiex rekwiżit sabiex l-imsemmija superfiċje tkun tista' tibbenifika minn ġħajnejha, iż-żgħad minn tħalli kundizzjoni li jekk ma tigħix sodisfatta twassal għal tnaqqis fl-ammont li jitħallas.

In-numru ta' kontrolli fuq il-post li ġew ikkompletati fl-2005 f'Województwo opolskie ssodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 26 tar-Regolament (KE) Nru 796/2004.

Fit-tieni lok, ir-rikorrenti tallega ksur tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 7(4) tar-Regolament (KE) Nru 1258/1999 u tal-Artikolu 31(2) tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005, tal-linji gwida stabiliti fid-dokument VI/5330/97, kif ukoll tal-prinċipju ta' proporzjonalità, fid-dawl tal-fatt li l-korrezzjoni hija maqbuba b'mod estrem jekk jitqabbel ir-riskju ta' telf għall-baġit tal-Unjoni Ewropea.

Anki kieku s-sistema ta' kontroll u ta' sanzjoni stabbilita mill-autoritajiet Pollakki tinkludi ċerti żbalji, u dan mhuwiex il-każ, l-imsemmija żbalji huma tant insinjifikattivi li r-riskju ta' telf għall-baġit tal-Unjoni jirreferi għal ammont ħafna inqas mill-korrezzjoni li l-Kummissjoni għamlet fid-deċiżjoni kkontestata. Dan huwa l-każ, b'mod partikolari, fir-rigward tal-ammont tal-korrezzjoni li saret mill-Kummissjoni, għaliex allegatament is-sistema ta' identifikazzjoni u kontroll ta' pakketti ta' art agrikola ma għietx vettorizzata għal kollos u fl-2005 ma sarux biżżejjed kontrolli fuq il-post f'Województwo opolskie.

(¹) ĠU L 63, p. 7.

(²) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1258/1999, tas-17 ta' Mejju 1999, dwar il-finanzjament tal-politika komuni agrikola (Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 25, p. 414).

(³) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005, tal-21 ta' Ġunju 2005, dwar il-finanzjament tal-politika agrikola komuni (209, p. 1).

(⁴) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003, tad-29 ta' Settembru 2003, li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi diretti ta' appoġġ fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewwa li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 2019/93, (KE) Nru 1452/2001, (KE) Nru 1453/2001, (KE) Nru 1454/2001, (KE) Nru 1868/94, (KE) Nru 1251/1999, (KE) Nru 1254/1999, (KE) Nru 1673/2000, (KE) Nru 2358/71 u (KE) Nru 2529/2001 (Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 40, p. 269).

(⁵) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 796/2004, tal-21 ta' April 2004, li jippreskrivi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' konformità, modulazzjoni u amministrazzjoni integrata u sistema ta' kontroll kif hemm provvedimenti dwarhom fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi ta' sostenn dirett taħt il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' sostenn għall-bdiewwa (Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 44, p. 243).

Rikors ippreżentat fit-28 ta' Mejju 2010 — medi vs UASI — Deutsche Medi Präventions (deutschemedi.de)

(Kawża T-247/10)

(2010/C 209/72)

Lingwa tar-rikors: il-Čermaniż

Partijiet

Rikorrenti: medi GmbH & Co. KG (Bayreuth, il-Čermanja) (rappreżentanti: D. Terheggen, H. Lindner u T. Kiputh, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Deutsche Medi Präventions GmbH (Düsseldorf, il-Čermanja)

Talbiet tar-riktorrenti

— tannulla d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni), tas-16 ta' Marzu 2010, fil-Każ R 1366/2008-4;

— tirrifżjuta r-reġistrazzjoni tat-trade mark Komunitarja EM 5 089 099;

— tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Applikant għat-trade mark Komunitarja: Deutsche Medi Präventions GmbH

Trade mark Komunitarja kkonċernata: it-trade mark verbali "deutschemedi.de" għal servizzi fil-klassi 35

Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni: ir-riktorrenti

Trade mark jew sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni: it-trade mark verbali Ġermaniża "medi.eu" għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 5, 10, 35, 39, 41, 42 u 44; it-trade mark verbali Ġermaniża "medi welt" għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 5, 10, 35, 38, 39, 41, 42, 43 u 44; it-trade mark verbali Ġermaniża "medi-Verband" għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 5, 10, 35, 38, 39, 41, 42, 43 u 44; it-trade mark verbali Komunitarja "World of medi" għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 3, 5, 10, 35, 41 u 42; it-trade mark figurattiva Ġermaniża li fiha l-element verbali "medi Ich fühl mich besser", għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 5, 10, 35, 38, 39, 41, 42, 43 u 44; l-element verbali "medi" użat fl-isem kummerċjali u tan-negozju, għall-prodotti u servizzi kollha tat-trade marks fuq msemmija fit-territorju tal-Unjoni

Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni: oppożizzjoni milquġha

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: appell milquġħ u oppożizzjoni miċħuda

Motivi invokati: ksur tal-Artikolu 8(1) u (4) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009⁽¹⁾, billi bejn it-trade marks kunfliġġenti hemm probabbiltà ta' konfużjoni u billi r-rkorrenti pprovat li kienet il-proprietarja tal-isem tan-negozju u kummerċjali, kif ukoll ksur tad-dritt għal smiġħ xieraq skont l-Artikolu 73 tar-Regolament Nru 207/2009

⁽¹⁾ Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009, tas-26 ta' Frar 2009, dwar it-trade mark Komunitarja (78, p. 1).

Rikors ippreżentat fis-26 ta' Mejju 2010 — L-Italja vs Il-Kummissjoni Ewropea u EPSO

(Kawża T-248/10)

(2010/C 209/73)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Partijiet

Rikorrenti: Ir-Repubblika Taljana (rappreżentant: P. Ġentili, avvocato dello Stato)

Konvenuti: Il-Kummissjoni Ewropea u l-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal (EPSO)

Talbiet tar-rkorrenti

- tannulla l-avviż ta' kompetizzjoni ġeneral EPSO/AD/177/10
- Amministraturi (AD 5) ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea tas-16 ta' Marzu 2010, Numru C 64 A.
- tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Il-motivi u l-argumenti prinċipali huma simili għal dawk tal-Kawża T-218/09 Italja vs Il-Kummissjoni⁽¹⁾.

⁽¹⁾ ĠU C 180, 01.08.09, p. 59.

Rikors ippreżentat fil-31 ta' Mejju 2010 — Kitzinger vs UASI — Mitteldeutscher Rundfunk, Zweites Deutsches Fernsehen (KICO)

(Kawża T-249/10)

(2010/C 209/74)

Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Kitzinger & Co. (GmbH & Co. KG) (Hamburg, il-Ġermanja) (rappreżentant: S. Kitzinger, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Partijiet oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Mitteldeutscher Rundfunk (korp tad-dritt pubbliku) (Leipzig, il-Ġermanja), Zweites Deutsches Fernsehen (korp tad-dritt pubbliku) (Mainz, il-Ġermanja)

Talbiet tar-rkorrenti

- tibdel id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI), tal-25 ta' Marzu 2010, fil-Każ R 1388/2008 b'tali mod li d-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni tat-28 ta' Lulju 2008 dwar l-oppożizzjoni Nru B 1 133 612 tiġi annullata u l-oppożizzjoni tiġi miċħuda;